MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 171/2006

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta' Mejju, 2006 li permezz tiegħu l-attriċi *proprio et nomine* esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat:

1. Illi nhar il-25 ta' Settembru tas-sena 2004 l-attriċi li hija xebba welldet tarbija ta' sess femminili li ngħatat l-isem ta' X minn relazzjoni barra miż-żwieġ li kellha mal-konvenut B kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid immarkat Dok. 'A';

2. Illi l-konvenut kien irrikonoxxa lill-imsemmija minuri X bħala bintu naturali kif jirriżulta ukoll mill-anness Dok. 'A';

3. U illi l-konvenut qiegħed jirrifjuta li jikkontribwixxi finanzjarjament għat-trobbija ta' l-imsemmi minuri;

4. U illi l-imsemmija minuri qegħda tirrisjedi ma' l-attriċi u tinsab taħt il-kura u l-kustodja effettiva ta' l-istess attriċi;

5. U illi l-proċeduri ta' medjazzjoni ngħalqu mingħajr ebda eżitu pożittiv;

6. U illi l-attriċi ġiet awtorizzata tistitwixxi l-odjerni proċeduri in forza ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti hawn anness u mmarkat Dok. 'B';

Għaldaqstant l-attriċi *proprio et nomine* titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet premessi:-

1. Tiffissa dik ir-rata ta' alimenti li l-konvenut *qua* missier naturali ta' l-imsemmija minuri għandu jkun obbligat li jħallasha bħala s-sehem tiegħu għat-trobbija tagħha;

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dak l-ammont kif iffissat minn dina l-Qorti;

3. Tordna lill-konvenut jikkontribwixxi f'sehem li jiġi ffissat minn dina l-Qorti għal dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-ispejjeż in konnessjoni ma' l-edukazzjoni u saħħa tal-minuri;

4. Tordna li l-kura u l-kustodja legali ta' l-imsemmija minuri għandha tkun fdata f'idejn l-attriċi;

5. Tordna li l-*patria potestas* ta' l-imsemmija minuri għandha tingħata esklussivament lill-istess attriċi;

6. Tagħti kull ordni jew provvediment ieħor li jkun jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-20 ta' Settembru, 2006 li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Fir-rigward ta' l-ewwel u t-tieni talba, tenut kont ta' l-introjtu limitat ta' l-esponent mix-xogħol tiegħu ta' burdnar, l-istess esponent ma jistax jobbliga ruħu li jħallas aktar minn sittin Lira Maltin (Lm60) fix-xahar bħala manteniment għat-tifla minuri tiegħu X. Il-konvenut għandu *overdraft facilities* mal-Bank u dan sabiex ikun jista' jmexxi n-negozju tiegħu. *Inoltre*, l-attriċi tirċievi l-isem l-imsemmija minuri l-benefiċċji tas-servizzi soċjali.

2. Fir-rigward tat-tielet talba, u wkoll *in vista* tas-suespost, l-esponent lanqas ma jista' jobbliga ruħu li jikkontribwixxi finanzjarjament għall-edukazzjoni u s-saħħa ta' l-imsemmija minuri għad għandha sentejn u preżentement s-servizzi ta' edukazzjoni u tas-saħħa, f'Malta huma gratuwiti.

3. Fir-rigward tar-raba' talba, l-esponenti ma joġġezzjonax illi l-kura u l-kustodja legali tal-minuri X tiġi fdata f'idejn l-attriċi; iżda dan biss *purche'* jingħatalu aċċess ampju għall-imsemmija minuri (liema aċċess għandu jiżdied hekk kif l-imsemmija minuri tikber) ta' darbtejn fil-ġimgħa (fil-viċinanzi tar-residenza ta' l-attriċi) u nhar ta' Ħadd (mhux neċessarjament fil-viċinanzi tar-residenza ta' l-attriċi u għal aktar ħin).

4. Fir-rigward tal-ħames talba, l-esponenti kategorikament joġġezzjona li l-*patria potestas* tingħata esklussivament lill-attriċi; ma hemm l-ebda raġuni valida u suffiċjenti fil-Liġi għalfejn dan għandu jsir, u dan ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża.

5. Salv eċċezzjoni ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits u semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob li t-tifla msemmija fiċ-ċitazzjoni tiġi fdata f'idejha kwantu għal kura u kustodja u li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas manteniment għall-istess tifla.

Rigward il-kura u kustodja ma hemm ebda problema u dan fil-verita' lanqas il-konvenut m'huwa jikkontesta, *nonostante* l-eċċezzjonijiet illi ppreżenta. Fil-fatt il-Qorti *gia'* tat digriet f'dan is-sens fil-preżenza tal-partijiet fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2007 li jkopri ukoll l-aċċess. Il-Qorti tħoss li dan l-arranġament għandu jibqa' jiġi osservat. Il-kwistjoni prinċipali hija l-ammont ta' manteniment li għandu jħallas għall-minuri.

Il-konvenut jinsisti li ma jistax iħallas iktar minn sittin Lira Maltin (Lm60) iżda jidher ċar mill-provi li għandu l-mezzi biex iħallas aktar. Huwa minnu li għandu obligazzjonijiet kuntrattwali oħra iżda l-provi attriċi kienu sodisfaċenti fis-sens li għandu minn fejn iħallas iktar min-negozju li għandu. Tenut kont ta' kollox il-Qorti tħoss li l-ammont ta' tliet mitt Euro (€300) huwa ammont ġust li għandu jitħallas bħalissa.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u għalhekk tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għar-rigward ta' l-ewwel u t-tieni talba tikkundanna lill-konvenut iħallas, *rebus sic standibus* is-somma ta' tliet mitt Euro (€300) fix-xahar lill-attriċi bħala manteniment għall-minuri msemmija fir-rikors promotur; id-digriet fuq imsemmi tad-19 ta'**

**Jannar, 2007 għandu jibqa' *in vigore*. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------